MS Bulletin

Lehen il-Multiple Sclerosis Society ta' Malta - Nru. 13

# *Il-Konferenza Annwali tal-European Multiple Sclerosis Platform f'Malta*

It-tema ta' din il-konferenza kienet "Kwalità ta' Ħajja għal Nies bl-MS - X'tista' tassew tagħmel ir-rijabilitazzjoni". Għall-konferenza attendew 117 delegat/a minn 32 pajjiż fl-Ewropa (10 minnhom kienu fil-wheelchairs). Id-delegati, sew persuni bl-MS kif ukoll dawk li jie. ħu ħsiebhom, kellhom l-opportunità jaqsmu l-esperjenzi tagħhom u jitgħallmu minn xulxin. Barra minn hekk, f'okkażjonijiet bħal dawn ma jonqosx li jsiru ħbiberiji ġodda li jkomplu jsaħħu s-solidarjetà bejn il-komunità ta' nies bl-MS.



Mil-lemin: L-E.T. Prof. Guido de Marco, President ta' Malta, is-Sur Leslie Agius, President tas-Soċjetà Maltija ta' l-MS, u s-Sur Peter Kauffeldt, President tal-EMSP.

Il-konferenza f'Malta rat l-akbar parteċpazzjoni s'issa f'konferenzi ta' dan it-tip ta' delegati minn bosta nħawi fl-Ewropa, speċjalment mill-pajjiżi li se jidħlu fl-Unjoni Ewropea s-sena d-dieħla. L-organizzaturi kellhom kliem ta' tifħir u apprezzament għas-sehem siewi li s-Soċjetà tagħna kellha fl-organizzazzjoni ta' din il-konferenza. Id-delegati apprezzaw ħafna l-ospitalità li sabu, l-ikel tajjeb, il-wirt kultural kbir ta' gżiritna u fuq kollox ix-xemx Maltija li ma naqsitx li ddawwal u tferraħ kull ġurnata tal-konferenza. Fi tmiem il-konferenza, u fl-okkażjoni tas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità, d-delegati adottaw dik li se tibqa' tissejjaħ bħala d-Dikjarazzjoni ta' Malta u li tagħha qegħdin inxandru f'dan il-bulettin sew l-oriġinal bl-Ingli`z kif ukoll traduzzjoni bil-Malti. Rapport sħiħ dwar il-konferenza jinsab fis-sit: www.ms-in-europe.org.

Kull korrispondenza għandha tintbagħat f'dan l-indirizz:

*Multiple Sclerosis Society*
*P.O. Box 209*
*C.M.R. Valletta*

## *Summary Report of the European Multiple Sclerosis Platform (EMSP) Annual Conference in Malta*

The Executive Committee of EMSP held its annual conference in Malta. The leading theme was: "Quality of Life for People with Multiple Sclerosis - What Rehabilitation Can Really Do". The annual conference was well attended and excellently scored by the delegates.
The conference as such, but specifically the high participation of delegates from the emerging countries, would not have been possible without the generous unconditional grants of the sponsors Biogen, Pfizer, Schering, Serono and Teva / Aventis. 117 delegates coming from 32 countries in Europe found their way to our beautiful island of Malta; 10 of them using wheelchairs. 33 delegates and carers. This was the biggest participation ever from emerging countries. The delegates enjoyed the opportunity to learn from each other, to share their own experiences and skills, to network and to make new friends disrespecting any geographical or cultural borders. EMSP expressed their gratitude to the Maltese friends and hosts for their hospitality, the excellent food, and the cultural wealth of Malta. Moreover, the very favourable weather conditions, characterized by the proverbial Maltese sunshine, made the delegates' visit definitely one to remember.
(Full report at www.ms-in-europe.org.)

# *Attendance at the European Disability Forum General Assembly*

Last May, on behalf of the Malta Federation of Organizations Persons with Disabilities (MFOPD), I attended the two-day Annual General Assembly of the European Disability Forum (EDF) held in Athens. Over 240 participants from 32 countries were present at the meeting, the biggest annual meeting that EDF had held since its establishment. Before the start of the General Assembly, a whole day was dedicated to the new countries, including Malta, which shall join the European Union in 2004. During this session, I made a presentation in which I briefed the delegates about the MFOPD, its history, mission, objectives, scope of work, membership, funding, international co-operation, governing bodies and decision-making procedures, relations with national authorities and its role as partner in civil dialogue. The procedural sessions of the General Assembly discussed the annual report, final accounts, audit reports, the adoption of the work programme and budget for 2003-2004, the election of a new EDF Secretary, and of the EDF Executive Officer, and the adoption of the new EDF statutes and internal rules. Moreover, the General Assembly discussed and approved the establishment of an EDF foundation. Among the policy issues discussed were the following: the Convention on the future of Europe, and the UN Convention on the Rights of Disabled People. The General Assembly adopted the following two resolutions: Resolution on prenatal diagnosis, and Resolution on art, culture and media. A special session was dedicated to non-discrimination. The next meeting of the General Assembly will take place in Brussels, next year. All travelling and accomodation expenses were covered by the EDF.

Dr Martin Zammit
Vice-President, MFOPD

2003 The European Year of People with Disabilities

European disability forum

# *Editorjal*

Insellmilkom. Matul dan is-sajf, it-tħejjija tal-Bulettin ma kenitx faċli minħabba s-sħana kbira li għamlet, sħana li tneħħilek kull ħeġġa għax-xogħol. Huwa fatt magħruf ukoll li għal ħafna persuni bl-MS ix-xhur tas-sajf m'humiex l-aħjar żmien tas-sena. Huwa żmien meta jħossuhom aktar bla saħħa minn staġuni oħra u jkollhom seba' mitt sena li s-sajf jgħaddi. Kuraġġ! Ftit ġranet oħra u l-klima tibred xi ftit mhux ħażin. F'din il-ħarġa tal-Bulettin wieħed jinnota li hemm doża aktar minn qabel dwar il-ħidma tas-Soċjetà tagħna fil-qasam internazzjonali. Dan huwa importanti ħafna għaliex aktar ma noħorġu mill-qoxra tagħna u nidħlu f'kuntatti ma' persuni u soċjetajiet oħra barra minn Malta, aktar inżidu t-tagħrif li għandna dwar l-MS u nistgħu anki nirċievu għajnuna għall-membri tagħna. Fil-fatt nistgħu insemmu li dan il-ħin għandna fostna lil Daria, żagħżugħa mill-Polonja li ntbagħtet Malta mill-European Multiple Sclerosis Platform u l-European Voluntary Service biex tagħmel xogħol volontarju fost persuni bl-MS. Il-membri dalwaqt se jkollhom l-opportunità jiltaqgħu ma' din il-voluntiera u jsiru jafu dwar ħidmietha. Minbarra l-ħidma fil-qasam internazzjonali, dik fil-qasam soċjali baqgħet għaddejja bla waqfien, anki fix-xhur tas-sajf, permezz ta' żjarat fid-djar ta' uħud mill-membri li ma jistgħux joħorġu mid-dar. Fl-aħħarnett, bħal f'kull ħarġa tal-Bulettin, nerġa' nħeġġiġkom tibgħatuli xi kitbiet tagħkom. S'issa dawn l-appelli waqgħu kważi dejjem fuq widnejn torox. Saħansitra ħabib tiegħi fil-Greċja, meta għedtlu bil-Bulettin tagħna, ħa interess u bagħatli xi "cuttings" mill-gazzetti Griegi, u li qegħdin jidhru f'dan il-Bulettin. Ma rridx nibqa' ngħid dejjem l-istess! Inħalli f'idejkom! Min irid jista' jibgħatli b'e-mail il-kitba tiegħu f'dan l-indirizz: martin.r.zammit@um.edu.mt. Nittama li ssibu din il-ħarġa tal-Bulettin interessanti.



# *Il-Website tagħna: WWW.MSMALTA.ORG.MT*

Fl-aħħar ħarġa tal-Bulettin konna ħabbarna li s-Soċjetà tagħna għandha s-sit tagħha fuq l-Internet. Huwa minnu li għalissa għadna fil-bidu, iżda ftit ftit se nkunu dejjem qegħdin inkabbru dan is-sit biex inag$mluh informattiv kemm jista' jkun. Minħabba li navigaturi mid-dinja kollha jistgħu jidħlu fil-website tagħna, rajna li ħafna mill-materjal irid ikun ippreżentat bl-Ingliż għal raġunijiet ovvji. Madankollu, m'aħniex se ninjoraw taqsimiet b'tagħrif bl-ilsien Malti. (Ikompli f'paġna 7)



# L-MS fil-Mediterran




[Ħajr speċjali lill-ħabib kbir tiegħi Nektarios Lavoutas mill-gżira Griega ta' Aegina li ġentilment għaddieli dan it-tagħrif wisq interessanti u "cuttings" minn gazzetti Griegi dwar l-MS. - L-Editur]

## 1. Il-Greċja

Ħafna drabi jista' jagħti l-każ li f'dan il-Bullettin nikkonċentraw wisq fuq il-qagħda interna f'Malta, qisu aħna biss neżistu. Dan jista' jkun li ġej mill-fatt li qegħdin ngħixu fuq żewġ gżejjer żgħar f'nofs il-Mediterran u għalhekk il-ħsieb ma jmurx wisq 'il-bogħod. Għal ħafna, wara x-xefaq jeżistu biss ftit pajjiżi, bħal ngħidu aħna l-Italja u l-Ingilterra li magħhom, matul is-sekli, żviluppajna relazzjonijiet mill-qrib ħafna f'bosta oqsma. Jekk irridu nwessgħu iċ-ċirku xi ftit aktar, nistgħu inżidu fil-lista lill-Awstralja, l-Amerika u l-Kanada, u dan minħabba l-emigrazzjoni. Fil-fatt li jiġri huwa li aħna nittraskuraw lill-ġirien tagħna stess li jgħixu madwarna. Naħseb li jkun tajjeb nikkoreġu ftit din it-tendenza u nibdew nieħdu idea, imqar bi ftit ċifri, dwar xi stati fil-Mediterran li bħalna għandhom pazzjenti bl-MS u s-soċjetajiet tagħhom. Dan iservi biex aħna nkunu nistgħu inqabblu s-sitwazzjoni lokali tagħna ma' dik tagħhom. Se nibdew mill-Greċja.

**Isem tas-soċjetà:** (Greek MS Society)
Twaqqfet fit-12 ta' Diċembru 1992.
**President:** Yiannis Kotsirilos
**Indirizz:** 2-4 Triq Faethonos, Thessaloniki (Salonika) 54251
**Tel. / Faks:** 0030-1963-3383
**E-mail:** mssoc@hol.gr
**Website:** www.visit.to/mssociety
**Għadd ta' membri:** 3,500
**Numru ta' persuni bl-MS:** bejn 6,000 u 10,000 (minn popolazzjoni ta' 10,500,000)
**Persuni bl-MS li s-soċetà Griega taf bihom:** 3,200
**Staff part-time:** 3
**Voluntieri:** 30.

## Simpożju fil-Greċja

Beta Interferon 1 A: Waqt simpożju li sar fil-bidu ta' din is-sena f'Salonika, il-Greċja, professuri tan-newroloġija I. Karros (mill-Università ta' Basle fl-Svizzera) u Ioannis Mylonas (Sptar Universitarju ta' Salonika) ippreżentaw studju dwar l-effetti fejjieda tal-Beta Interferon fuq persuni bl-MS. Matul is-simpożju ixxandru r-riżultati ta' l-istudju "CHAMPS" li sar f'50 ċentru mediku fl-Amerka u fil-Kanada fuq 383 persuna bl-MS fl-età bejn 18 u 50 sena. L-istudju wera li it-tilqim fil-muskolu darba fil-ġimgħa tas-sustanza Beta Interferon 1 A naqqas il-periklu b'madwar 44% li l-MS ikompli jiżviluppa. Mis-simpożju ħareġ ukoll li l-proċess kliniku tal-MS ma jistax jitbassar, u tista' tieħu bosta forom kliniċi differenti. (Sors: Adesmeutos Typos 29/5/2003. ħajr: Nektarios Lavoutas)

## Riċerka

In-newrologi jidher li, aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qegħdin joqorbu lejn is-sejba ta' sustanza li tiddefendi, u f'xi każijiet saħansitra tikkoreġi il-ħsara fil-moħħ minħabba l-isklerożi multipla. Barra minn hekk, din is-sustanza għandha wkoll tnaqqas ir-relapses f'pazzjenti bl-MS. Dan tħabbar waqt it-13-il Simpożju ta' l-Għaqda Newroloġika Ewropea li saret f'Istanbul. Riċerkaturi Ewropej sabu li tilqim tal-Glatiramer Aċetiku inaqqas ir-relapses ta' l-MS u fl-istess ħin jiffaċilita il-ħruġ ta' sustanza li tiddefendi l-enċefalu. Ir-riċerka saret minn riċerkaturi ta' l-Istitut tan-Newroloġija Max Planck f'Martinsried fil-Ġermanja, ta' l-Istitut tan-Newroanosoloġija Klinika u tad-Dipartiment tan-Newroloġija fl-Università Maximillians ta' Munich, u tad-Dipartiment tan-Newroloġija fl-Università ta' Karl Franzens ta' Graz, fl-Awstrija. (Sors: Vima 29/6/2003. ħajr: Nektarios Lavoutas)

# Il-"Carer" Internazzjonali tas-Sena 2002: Għarfien misthoqq lill-"carers" u ħidmiethom



Il-Federazzjoni Internazzjonali ta' l-MS (MSIF) tat il-Premju Nicholson għas-sena 2002 lil Jon Ferguson, għalliem Awstraljan u missier ta' żewġt itfal li ta kura intensiva lil martu Carolyn. Sa minn meta l-qagħda ta' Carolyn marret lura, fis-sena 1990, Jon naqqas is-sigħat ta' tagħlim tiegħu biex ikun jista' jieħu ħsieb aktar ta' martu, u dan l-aħħar fuq "Carers leave" biex jiddedika ruħu għal kollox għal ħtiġijiet ta' martu. Waqt iċ-ċerimonja ta' l-għoti tal-premju f'Diċembru li għadda Jon ikkumenta hekk: "Filwaqt li qiegħed nieħu dan il-premju, hemm żewġ affarijiet li jnikktuni: l-ewwel, li Carolyn għandha l-MS, u t-tieni, li r-riċerkaturi għandhom ma sabux il-kura għall-MS."

Minn kliem il-għerf ta' Jon Ferguson lil "carers" bħalu:

1. Tkellem ma' ħafna nies
2. Tibżax
3. Iżżommx f'qalbek
4. Għamel mill-esperjenza ta' kura li tagħti okkażjoni ta' ferħ għalikom it-tnejn
5. Idħak u tgħallem mill-iżbalji tiegħek
6. M'hemm l-ebda mod perfett ta' kif tagħmel xi ħaġa
7. Uża s-servizzi li bis-saħħa tagħhom tikseb l-ispazju tiegħek
8. Ħu ħafna waqfiet ta' mistrieħ

(Sors: MS in focus 2003: 2)

# KEEP S'MYELIN - Divertiment ONLINE għat-Tfal

Dan il-website huwa xogħol is-Soċjetà Nazzjonali tal-MS ta' l-Amerika u huwa maħsub għal tfal li għandhom xi ħadd mill-ġenituri tagħhom ibati bl-MS. L-indirizz sħiħ huwa: www.nationalmssociety.org/keepsmyelin/resources u l-materjal jinbidel "online" kull tliet xhur. Dan is-sit jagħti lit-tfal mad-dinja kollha tagħrif addattat għalihom dwar il-kundizzjoni ta' l-MS, u b'mod mill-aktar ħelu, prattiku, u divertenti. Inħeġġeġ lill-membri li għandhom it-tfal biex jidħlu f'dan is-sit mill-isbaħ. Problema waħda hemm: se jkun diffiċli taqalghom minn quddiem il-kompjuter!
(Sors:
MS in focus 2003: 2)





# *Il-Proġett tas-Cybercafè fir-Razzett tal-Ħbiberija.*

L-Unjoni Ewropea ilha tħajjar żgħażagħ ta' bejn is-17 u l-25 sena biex jagħmlu xogħol volontarju f'pajjiżhom jew barra minnu. Il-European Multiple Sclerosis Platform (EMSP), permezz tas-segretarju ġenerali tagħha Christoph Thalheim, irnexxielha tibda tipparteċipa b'sittax-il volontarju f'sitt pajjiżi differenti.

Tnejn minn dawn iż-żgħażagħ ġew Malta fil-bidu t'Awissu biex jagħmlu xogħol għal sena sħiħa fir-Razzett tal-Ħbiberija. Il-Proġett li l-EMSP ħejjiet għalihom huwa t-twaqqif ta' Cybercafè. Dan il-proġett se joffri servizz ta' tagħlim u assistenza fuq il-kompjuter biex nies bl-MS jitħarrġu fl-uzu ta' l-informatika. L-għan huwa biex persuni bl-MS, bis-saħħa tat-teknoloġija moderna, ma jibqgħux iżolati, imma minn djarhom ikunu jistgħu iżommu kuntatt ma' nies oħra permezz ta' l-Internet.

Għal dawn il-voluntiera l-EMSP ħasbet biex taħtar 'supervisors' li jkunu jistgħu jassistu lill-voluntiera barranin meta jkollom bżonn. Is-Soċjetà tagħna għoġobha tibgħat lili biex nassisti lil dawn iż-żewġ żgħażagħ. Kien għalhekk li attendejt seminar f'Birmingham bi tħejjija għall-wasla tal-voluntiera f'Malta.



Is-Seminar beda fid-29 ta' l-Lulju, f'post magħruf ħafna għal dan it-tip ta' seminars, il-'Hallborne Training Centre'. Fil-bidu tas-seminar tfisser l-għan ta' dan il-proġett, kif ukoll x'qiegħda tistenna l-Unjoni Ewropeja, li qiegħda tiffinanzja dan il-proġett. Hija x-xewqa ta' l-organizzaturi li jiżdied l-interess fost il-pazjenti biex jisfruttaw l-użu ta' l-Internet. Meta tikkommunika ma' nies oħra tagħmel aktar ħbieb, u allura jkollok aktar ma' min titkellem u taqsam l-esperjenzi tiegħek. Din hija għodda siewja ħafna kontra t-taqbida mad-dipressjoni. L-għan ta' dan il-proġett huwa li jiġġarraf il-ħajt li jezisti bejn il-kompjuter u ħafna nies li jibżgħu jersqu lejn din it-teknoloġija moderna. Din it-teknoloġija tinsab dejjem fi żvilupp u qegħdin dejjem joħorġu fis-suq apparati li jintużaw mal-kompjuter imfassla apposta għal nies bi bżonnijiet speċjali, bħal 'keyboards' b'buttuni kbar, 'mouse' bi 'switch' kbir fuq, li jigi attivat bl-arja, eċċ.




Min-naħa tagħhom il-voluntieri tkellmu dwar bosta raġunijiet għaliex jixtiequ jidħlu għal din l-esperjenza, fosthom biex jitgħallmu aktar il-lingwa tal-pajjiż fejn sejrin, biex jagħmlu ħbieb ġodda, biex jaraw x'ħiliet għandhom, biex ikunu indipendenti, biex isiru jafu aktar lilhom infushom, u bosta raġunijiet oħra. Fost il-voluntiera kien hemm min semma xi problemi li jistgħu jiltaqgħu magħhom fil-pajjiż fejn ikunu mibgħutin, bħal ngħidu aħna l-klima, il-problema tal-lingwa differenti, li tkun il-bogħod mill-familja, li tħossok waħdek, l-ikel differenti, it-trasport, eċċ.

Nista' ngħid li kienet esperjenza li tgħallimt ħafna minnha. Matulha, iltqajt ma' ħafna nies minn bosta pajjiżi u li kollha kellhom ħsieb wieħed: kif jistgħu jgħinu nies li veru għandhom bżonn. Spikka ħafna l-kunċett tal-bniedem ġeneruz li jaħdem biex itejjeb il-ħajja ta' l-oħrajn. Wara kollox, din hija t-tifsira ta' ċiviltà.ta' l-oħrajn.

Noel Gusman

# *Il-Website tagħna*



Din li ġejja hija żjara qasira ġewwa l-website biex naraw x'wieħed jista' jsib fiha s'issa. Nidħlu fis-sit billi nittajpjaw l-ittri www.msmalta.org.mt . L-ewwel li titla' quddiemna hija l-WELCOME PAGE: paġna li tagħtina merħba u tgħaddilna l-ewwel tagħrif bażiku dwar is-Soċjetà tagħna, meta twaqqfet, l-għadd tal-membri, kif tikkuntattjana, eċċ. Minn din il-paġna nidħlu f'oħra msejħa: WHO ARE WE? Hawn issibu tagħrif dwar il-membri tal-kumitat u minn din il-paġna tistgħu tibagħtulhom e-mail direttament. Il-paġna AIMS & OBJECTIVES tagħti fuq fuq l-għanijiet tas-Soċjetà tagħna, filwaqt li fil-paġna MS BULETTINS insibu l-ħarġiet numru 11 u 12 ta' dan il-Bulettin. Il-ħarġa 13 se tiżdied dalwaqt. Iż-żewġ paġni NEWS u ACTIVITIES għadhom qegħdin jitħejjew. Hemm imbagħad il-paġna ARTICLES iddedikata għal kitbiet dwar l-MS. S'issa nsibu tliet artikli: 1. What is MS? 2; MS in Malta – An update; 3. L-Isklerożi Multipla: L-aħħar żviluppi u riċerki. Dan l-aħħar artiklu huwa ta' Dr Norbert Vella. Fl-aħħarnett hemm il-paġna tal-LINKS li ddaħħalna direttament fis-siti tal-Multiple Sclerosis International Federation, tal-European Multiple Sclerosis Platform, u tas-Sylvia Lawry Centre for Multiple Sclerosis Research. Ikun tajjeb li l-membri jidħlu f'dan il-website u jinnavigaw bejn paġna u oħra sabiex jiskopruh huma stess. Dan għadu l-bidu tal-website tagħna. Kull bidu huwa tqil u ma timmaġinawx kemm kien hemm problemi tekniċi, sew żgħar kif ukoll kbar, li riedu jiġu solvuti. Ix-xewqa tagħna hija li bil-mod il-mod inkunu nistgħu intejbu u nkabbru l-website għas-sudisfazzjon ta' kulħadd. Nieħu din l-okkażjoni biex nagħti ħajr lil Stefan Zammit talli jiddedika ħafna minn ħinu għal dan il-proġett, u lit-Terranet li qegħdin jisponsorjawna.

# Fl-aħħar nett…

*Qed tara kollox ikrah?*
*Sar idejqek kollox minkejja li ma jonqsok xejn?*
*Żidt fil-garr?*
*Ieqaf ftit u aqra dan it-tagħrif! Ninsab ċert li sa ma tasal fl-aħħar tal-qari, se tinsa l-pessimiżmu kollu tiegħek u ddur lejn Alla u tgħidlu: Kemm għandi għaliex ngħidlek GRAZZI!*

## Ir-Raħal Dinji f'ċifri

Kieku kellna nimmaġinaw li l-umanità kollha hija magħmula minn mitt ruħ, ir-Raħal Dinja jkun maqsum hekk:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 57 Ażjatiċi | 21 Ewropew | 14 Amerikan | 8 Afrikani |
| 52 Nisa | 48 Irġiel | - | - |
| 30 bojod | 70 lwien oħra ta' ġilda | - | - |
| 30 Insara | 70 mhux Insara | - | - |

## Mill-mitt persuna li jgħixu fir-Raħal dinji:

- 6 persuni (Amerikani) għandhom f'idejhom 59% tal-ġid totali
- 80 persuna tgħix fi djar li m'humiex adattati
- 70 persuna ma jafux jaqraw u lanqas jiktbu
- 50 persuna m'għandhomx ikel biżżejjed
- Persuna waħda tmut
- Żewġ persuni jitwieldu
- Persuna waħda għandha kompjuter
- Persuna waħda għandha ċertifikat universitarju

Jekk dalgħodu qomt b'saħħtek, jew mhux ħażin, kun af li int aktar ixxurtjat minn miljun ruħ li m'humiex se jgħixu aktar mill-ġimgħa d-dieħla!!!

Jekk għandek ikel fil-friġġ, jekk għandek ħwejjeġ x'tilbes, jekk għandek saqaf fuq rasek, u sodda fuq x'hiex torqod, mela int aktar sinjur minn 75% tan-nies li jgħixu fid-dinja!!!

Jekk qatt ma rajtu gwerra f'ħajjitkom, u lanqas ma tafu xi tfisser tkun imsakkar f'ħabs, jew xi tfisser tkun tassew bil-ġuħ, mela int aktar ixxurtjat minn 500 miljun bniedem (500,000,000) fid-dinja!!!

Jekk għandek kont fil-bank, xi ftit tal-flus fil-portmoni, u xi ftit flus f'karus, allura int tagħmel parti minn 8% tan-nies tat-tajjeb f'din id-dinja!!!

Jekk tista' tmur il-knisja mingħajr l-ebda biża' ta' theddid li jaqbduk u joqtluk, allura int aktar iffurtunat minn 3 biljun ruħ (3,000,000,000) f'din id-dinja!!!

Jekk qed taqra dan il-bullettin, int iffurtunat doppju għaliex:

1. Xi ħadd ħaseb fik u
2. m'intix fost iż-żewġ biljuni (2,000,000,000) li ma jafux jaqraw!!!



Editur:
Dr Martin R. Zammit
Typesetting u Design:
Stefan Zammit
Mitbugħ:
P.E.G. Ltd.,
San Ġwann